MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Mandat Numru. 457/2015/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 457/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Charles u Rose konjugi Bajada (KI 21247M) (KI. 363351M)**

**vs**

**Anthony u Antonia konjugi Marletta (KI. 145339M) (KI. 291740 M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Charles Bajada (KI 21247 M) datat it-18 ta' Marzu 2015.

Inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat milli –

Jaghmlu uzu mis-sistema ta' l-ilma kif ukoll minn kull sors ta' ilma kif ukoll minn kull haga konnessa mas-sistema tad-drenagg fid-dar taghhom bl-indirizz numru 8 Triq Reggionali, Santa Venera peress li hemm perkolazzjoni ta' ilma u drenagg li sejra fid-dar tar-rikorrenti fl-indirizz numru 5 Triq Reggionali, Santa Venera, u li qed tikkaguna perikolu kbir ghar-rikorrenti *stante* li l-ilma qed jidhol fis-sistema tad-dawl tar-rikorrenti fejn qed ikun hemm *short* tad-dawl u minbarra li jtir l-istess dawl u sahansitra ikun hemm possibbilta` ta' skossi (shock) b' possibbilta` ta' tragedja fil-familja tar-rikorrenti fejn *inter alia* tirrisjedi tifla ta' disa' snin, u danni minbarra li qed jigu kawzati.

Illi qed jigi anness rapport tal-Perit Reuben Sciortino kif ukoll kopja ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-intimati.

Illi din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex taghti direzzjoni u possibbilment tisma’ dan ir-rikors b’ urgenza fid-dawl tal-perikolu imminenti, li tista’ tiswa l-hajja ta’ diversi persuni, u dan minhabba l-perkolazzjoni ta’ l-ilma li abbuzivament gej fid-dar tar-rikorrenti mid-dar ta’ l-intimati.

Illi l-esponenti ser jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Marzu 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-26 ta’ Marzu 2015,

Rat ir-risposta tal-intimati Anthony Marletta et. datata 6 ta’ April 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2015 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr David Farrugia Sacco u l-intimati. Il-Qorti rat ir-rikors ta' Dr Luciano Busuttil fejn talab li jigi nominat Perit Tekniku liema talba ma gietx opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat a spejjez provizorji tar-rikorrenti lil PT Alan Saliba, li kien prezenti fl-Awla, li ha konjizzjoni tan-nomina u dan sabiex jaccedi fuq il-post fil-presenza tal-partijiet sabiex jikkonstata jekk hemmx perkolazzjoni tal-ilma provvenjenti mill-fond tal-intimati. F'kaz li jqis li hemm periklu kif indikat

mir-rikorrenti ghandu jinforma lill-qorti b'nota minnufih sa mhux aktar tard mill-Gimgha 10 ta' April 2015 sabiex il-Qorti tiehu l-passi opportuni.

Xehdu il-Perit Reuben Sciortino u Mary Rose Muscat bil-gurament taghhom, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ix-xhieda prezenti, il-Perit Sciortino u Mary Rose Muscat jobbligaw ruhhom li jidhru fis-seduta li jmiss, occorrendo, ghall-kontro-ezami da parti tar-rikorrenti.

Dr Farrugia Sacco jinforma li salv ir-rapport tal-PT Alan Saliba u l-ezami tal-intimati m'ghandux provi ulterjuri xi jressaq.

Ir-rikors qed jigi differit ghas-16 ta' April 2015 fis-1:00p.m. ghall-provi tal-partijiet, ezami tar-rapport u ghall-provi sommarji tal-intimat u trattazzjoni.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba pprezentat fit-13 ta' April 2015.

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta' April 2015 fejn iddisponiet li rat ir-rapport datat l-10 ta' April 2015, tal-Perit Alan Saliba, mahtur minnha skond digriet tad-9 ta' April 2015. Rat li kkonkluda hekk:

"*Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent Perit Tekniku jikkonkludi illi jekk qed issehh perkolazzjoni ghand ir-*Rikorrenti u jekk is-'salva vita' tar-Rikorrenti qed tfaqqa' *kawza ta' xi perkolazzjoni ta' ilma, minn dak ikkonstatat waqt dan l-access jista' jigi eskluz li dan jahti ghalih il-fond tal-Intimati."*

Fic-cirkostanzi minnufih tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-18 ta' Marzu 2015 fejn laqghet it-talba provisorjament u halliet ir-rikors ghas-16 ta' April 2015 skont kif provvdut fl-ahhar udjenza tad-9 ta' April 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April 2015 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistit minn Dr David Farrugia Sacco, u l-intimati assistiti minn Dr Luciano Busuttil. Xehdu bil-gurament taghhom Rose Bajada, Anthony Marletta u l-Perit Johann Farrugia, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors. Ir-rikors gie differit ghall-digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Ii bir-rikors premess, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati jigu mizmuma milli jaghmlu uzu mis-sistema ta’ l-ilma u minn kull sors ta’ ilma u minn kull haga konnessa mas-sistema tad-drenagg fid-dar taghhom bl-indirizz numru 8, Triq Reggionali, Santa Venera. Huma jsostnu li minnhabba dan l-uzu, l-intimati qed jikkagunawlhom perkolazzjoni u ingress ta' ilma fil-

proprjeta' taghhom 5, Triq Reggionali, Santa Venera li jista' jikkaguna periklu kbir ghalihom minhabba skossi u *shorts* fis-sistema tad-dawl.

L-intimati opponew ghat-talba u esibew rapport ta' spezzjoni li saret minn rapprezentant tal-Water Services Corporation li juri li ma kienx hemm *leaks* (DOK AM3 u AM4) .

Billi l-kwistjoni hija wahda teknika, u tqajmet ukoll biza dwar periklu li jista' jinholoq, din il-Qorti innominat lill-Perit A & CE Alan Saliba sabiex jaccedi fuq il-post bl-urgenza u jaghmel il-kostatazzonijiet tieghu.

Ir-rapport hu esebit fil-process u jirrizulta minn dak li ra, u anke mill-konfigurazzjoni tal-fondi rispettivi tal-partijiet li wasal ghall-konkluzjoni li *"jekk qed issehh perkolazzjoni ghand ir-Rikorrenti u jekk is-'salva vita' tar-Rikorrenti qed tfaqqa' kawza ta' xi perkolazzjoni ta' ilma, minn dak ikkonstatat waqt dan l-access jista' jigi eskluz li dan jahti ghalih il-fond tal-Intimati."*

**Konsiderazzjoni ta' Dritt.**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta'

hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[1] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[2] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Dritt '*Prima Facie*'**

Fil-fehma tal-Qorti, wara li semghet lix-xhieda, inkluzi periti *ex parte,* prodotti mill-partijiet, u rat ir-rapport tal-espert tekniku, ir-rikorrenti ma irnexxielhomx jippruvaw li ghandhom jedd *prima facie* biex jaghmlu t-talba odjerna <u>fil-konfront tal-intimati.</u>

Ma hemm l-ebda dubbju li ghandhom id-dritt li jipprocedu sabiex jikkawtelaw ruhhom kontra kull hsara, dannu u periklu, izda t-talbiet taghhom ghandhom jigu indirizzati kontra min hu responsabbli ghall-

---

[1] Ara f'dan is-sens *“**Grech proprio et nomine vs Manfre**”* – A.C. – Dec.14 ta’ Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u *“**40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar”*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta’ Novembru 2010.

[2]Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

hsara li jistghu jiggarrbu. Kif gja affermat, huwa bizzejjed ghall-Qorti li tezamina t-talba fuq bazi *prima facie* minghajr ma taghmel ezami aktar approfondit tat-talbiet fil-mertu taghhom. Izda fil-kaz odjern, in-ness kawzali bejn l-agir tal-intimati u l-pretensjoni tar-rikorrenti lanqas tirrizulta fuq bazi *prima facie.*

Inoltre mill-provi ma jirrizulta xejn li jista' jikkontradixxi l-konkluzjoni tal-Perit Tekniku b'mod li jikkonvinci lil din il-Qorti biex tiskarta r-rapport tieghu. Il-**Perit Reuben Sciortino,** prodott mir-rikorrenti, xehed *"Jiena fil-proprjeta` tas-sur Marletta ma dhaltx; pero` jien min-naha tieghi ma ikkonstatajniex minn fejn gej.* **Mary Rose Muscat,** mid-Dipartiment tas-Sanita' xehdet li kienet marret fil-post tar-rikorrenti u filwaqt li rat ilmijiet, xehdet li ghamlet *colour test* fid-drains komuni tal-partijiet izda waqt l-inspection ma deherx kulur.

Ma hemmx dubbju li r-rikorrenti qed isofru perkolazzjoni ta' ilma. Dan hu affermat mill-istess Perit Saliba, kif ukoll mill-Perit Sciortino u mill-Perit Johann Farrugia li gie prodott mill-intimati.

Madanakollu ma jirrizultax illum, almenu minn dak irraportat f'dawn il-proceduri, li s-sors tal-perkolazzjoni jista' jigi attribwit ghall-fond jew ghal xi ghemil tal-intimati.

Ovvjament ghall-istess raguni, it-talba ma tistax tissoddisfa t-tieni element mehtieg, u cioe`, in-necessita' irrimedjabbli tal-mandat ghaliex dan ukoll huwa marbut mat-turija ta' ness kawzali bejn il-fond tal-intimati u l-hsara rekat lir-rikorrenti.

**III. DECIDE.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, **taqta’ u tiddeciedi**, billi ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimati, **tichad it-talba** kif dedotta ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------